DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

26 ta' April 2023 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja – Politika tal-immigrazzjoni – Direttiva 2008/115/KE – Standards u proċeduri komuni applikabbli fl-Istati Membri għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment – Artikolu 6(2) – Deċiżjoni ta' ritorn akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul għal perijodu ta' tliet snin – Ċittadin ta' pajjiż terz detentur ta' permess ta' residenza validu maħruġ minn Stat Membru ieħor – Nuqqas mill-awtoritajiet tal-pulizija nazzjonali li jippermettu lil dan iċ-ċittadin jirritorna lejn it-territorju ta' dan l-Istat Membru l-ieħor qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu"

Fil-Kawża C-629/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Förvaltningsrätten i Göteborg, migrationsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva sedenti f'Göteborg, li Tiddeċiedi Fil-Qasam tal-Immigrazzjoni, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2022, fil-proċedura

A.L.

vs

Migrationsverket

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn M. Safjan (Relatur), President tal-Awla, N. Piçarra u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Pikamäe,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, konformement mal-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn A.L., ċittadin ta' pajjiż terz li kien qiegħed jirrisjedi irregolarment fl-Isvezja, u l-Migrationsverket (l-Uffiċċju tal-Migrazzjoni, l-Isvezja) dwar id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jiċħad ir-rikors amministrattiv ippreżentat minn A.L. kontra d-deċiżjoni ta' ritorn adottata fil-konfront tiegħu mill-awtoritajiet tal-pulizija Svediżi u kontra l-projbizzjoni ta' dħul fl-Isvezja li takkumpanja din id-deċiżjoni.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115, bit-titolu "Suġġett", jipprovdi:

"Din id-Direttiva tistabbilixxi standards u proċeduri komuni li għandhom jiġu applikati fl-Istati Membri biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, skond id-drittijiet fundamentali bħala prinċipji ġenerali tal-liġi Komunitarja kif ukoll tal-liġi internazzjonali, inkluż il-protezzjoni tar-refuġjati u l-obbligi dwar id-drittijiet tal-bniedem".

4 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, bit-titolu intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 2 tiegħu:

"L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li:

(a) huma soġġetti għal ċaħda ta' dħul, skond l-Artikolu 13 ta[r-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1)], jew li jkunu arrestati jew interċettati mill-awtoritajiet kompetenti b'konnessjoni mal-qsim irregolari bl-art, bil-baħar jew bl-ajru tal-fruntiera esterna ta' Stat Membru u li ma jkunux sussegwentement kisbu awtorizzazzjoni jew dritt biex joqogħdu f'dak l-Istat Membru;

(b) huma soġġetti għal ritorn bħala sanzjoni tal-liġi kriminali jew bħala konsegwenza ta' sanzjoni tal-liġi kriminali, skond il-liġi nazzjonali jew li huma soġġetti għal proċeduri ta' estradizzjoni".

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva, bit-titolu "Dispożizzjonijiet aktar favorevoli", jistabbilixxi:

"1. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar favorevoli ta':

(a) atti ta' ftehim bilaterali jew multilaterali bejn il-Komunità jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha u pajjiż terz wieħed jew aktar;

(b) atti ta' ftehim bilaterali jew multilaterali bejn Stat Membru wieħed jew aktar u pajjiż terz wieħed jew aktar.

2. Din id-Direttiva m'għandha tippreġudika ebda dispożizzjoni li tista' tkun aktar favorevoli għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz stabbilita fl-acquis Komunitarju fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-asil.

3. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' l-Istati Membri li jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għall-persuni li għalihom tapplika dment li dawk id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli ma' din id-Direttiva.

4. Fir-rigward ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva skond l-Artikolu 2(2)(a) l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li t-trattament tagħhom u l-livell ta' protezzjoni ma jkunx inqas favorevoli minn dak stabbilit fl-Artikolu 8(4) u (5) (limitazzjonijiet fuq l-użu ta' miżuri koerżivi), l-Artikolu 9(2)(a) (posponiment tat-tneħħija), l-Artikolu 14(1)(b) u (d) (kura tas-saħħa f'emerġenza u b'kont meħud tal-bżonnijiet ta' persuni vulnerabbli) u l-Artikoli 16 u 17 (kondizzjonijiet tad-detenzjoni) u

(b) jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement".

6 Skont l-Artikolu 6 tal-istess direttiva, bit-titolu "Deċiżjoni ta' ritorn":

"1. L-Istati Membri għandhom joħorġu deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed jissoġġorna illegalment fit-territorju tagħhom, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Ċittadini ta' pajjiżi terzi li qed jissoġġornaw illegalment fit-territorju ta' Stat Membru u għandhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn maħruġa minn Stat Membru ieħor, għandhom jintalbu jmorru fit-territorju ta' dak l-Istat Membru immedjatament. Fil-każ ta' non-konformità miċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat ma' din il-ħtieġa, jew fejn it-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, għandu japplika l-paragrafu 1.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw għad-deċiżjoni ta' ritorn għal ċittadin ta' pajjiż terz li qed joqgħod illegalment fit-territorju tagħhom jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jittieħed lura minn Stat Membru ieħor skond ftehim jew arranġamenti bilaterali eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. F'dan il-każ l-Istat Membru li jkun ħa lura ċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu japplika l-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri jistgħu, f'kull ħin, jiddeċiedu li jagħtu permess ta' residenza awtonomu jew awtorizzazzjoni oħra li toffri d-dritt ta' soġġorn għal raġunijiet ta' kompassjoni, dawk umanitarji jew għal raġunijiet oħrajn lil ċittadin minn pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ m'għandha tinħareġ ebda deċiżjoni ta' ritorn. Fejn deċiżjoni ta' ritorn tkun diġà nħarġet, din għandha tiġi rtirata jew sospiża tul iż-żmien tal-validità tal-permess ta' residenza jew ta' awtorizzazzjoni oħra li toffri dritt ta' soġġorn.

5. Jekk ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju ta' Stat Membru jkun is-suġġett ta' proċedura pendenti għat-tiġdid tal-permess ta' residenza tiegħu jew tagħha jew ta' xi permess ieħor li joffri d-dritt ta' soġġorn, dak l-Istat Membru għandu jikkunsidra li joqgħod

lura milli joħroġ deċiżjoni ta' ritorn sakemm tintemm il-proċedura pendenti, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 6.

6. Din id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jadottaw deċiżjoni dwar it-tmiem ta' soġġorn legali flimkien ma' deċiżjoni ta' ritorn u/jew deċiżjoni dwar tneħħija u/jew projbizzjoni fuq id-dħul f'deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju wieħed kif previst fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji proċedurali disponibbli taħt il-Kapitolu III u taħt dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn ta' liġi Komunitarja u nazzjonali".

7 L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2008/115, bit-titolu "Projbizzjoni fuq id-dħul" huwa fformulat kif ġej:

"1. Deċiżjonijiet ta' ritorn għandhom ikunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul:

(a) jekk ma jkun ingħata l-ebda perijodu għat-tluq volontarju jew,

(b) jekk l-obbligu ta' ritorn ma jkunx ġie rispettat.

F'każijiet oħrajn, deċiżjonijiet ta' ritorn jistgħu jkunu akkumpanjati minn projbizzjoni fuq id-dħul.

2. It-tul tal-projbizzjoni fuq id-dħul għandu jiġi determinat b'kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ individwali u fil-prinċipju ma għandux jeċċedi il-ħames snin. Hu jista' madankollu jeċċedi l-ħames snin jekk iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ta' theddida serja għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà pubblika jew għas-sigurtà nazzjonali.

[…]"

Id-dritt Svediż

8 Il-Paragrafu 6 a tal-Kapitolu 8 tal-Utlänningslag (2005:716) (il-Liġi (2005:716) dwar il-Barranin) jipprovdi:

"Meta tqum kwistjoni relatata mat-tneħħija skont il-Paragrafi 2, 3 jew 6 [ta' dan il-kapitolu] ta' barrani detentur ta' permess ta' residenza validu jew ta' forma oħra ta' permess li jagħti dritt ta' residenza fi Stat Membru ieħor tal-[Unjoni Ewropea], l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-barrani jirritorna fuq inizjattiva tiegħu stess lejn l-Istat Membru l-ieħor tal-[Unjoni] f'terminu raġonevoli. L-awtorità kompetenti tista' tagħti deċiżjoni dwar it-tneħħija biss jekk il-barrani ma jkunx ikkonforma ruħu ma' tali talba.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk:

[…]

5. ikun hemm probabbiltà li l-barrani ma jikkonformax ruħu mat-talba.

[…]".

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

9 Fit-23 ta' Marzu 2022, A.L., ċittadin ta' pajjiż terz, kien suġġett għal spezzjoni mal-ġenb tat-triq fl-Isvezja. Waqt din l-ispezzjoni, l-awtoritajiet tal-pulizija Svediżi kkonstataw li A.L. la kellu awtorizzazzjoni ta' residenza u lanqas permess ta' xogħol fl-Isvezja. Madankollu, huwa seta' jippreżenta permess ta' residenza Kroat validu sal-25 ta' Ġunju 2022 u sostna li huwa kien jaħdem għal aġenzija Kroata li kienet kriet is-servizzi tiegħu lil impriża Svediża.

10 Fl-istess jum, dawn l-awtoritajiet tal-pulizija adottaw deċiżjoni li tordna lil A.L. jitlaq mit-territorju Svediż. Din id-deċiżjoni kienet akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul fl-Isvezja għal perijodu ta' tliet snin. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-imsemmija awtoritajiet tal-pulizija ma talbux lil A.L. jirritorna lejn il-Kroazja fuq inizjattiva tiegħu stess, minħabba li, fil-fehma tagħhom, kien hemm probabbiltà li huwa ma kienx jikkonforma ruħu ma' tali talba.

11 A.L. telaq għal Zagreb (il-Kroazja) fl-1 ta' April 2022.

12 A.L. ippreżenta rikors amministrattiv kontra d-deċiżjoni msemmija fil-punt 10 ta' dan id-digriet quddiem l-Uffiċċju tal-Migrazzjoni. Peress li dan tal-aħħar ċaħad dan ir-rikors, A.L. ippreżenta rikors ġudizzjarju kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda quddiem il-Förvaltningsrätten i Göteborg, migrationsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva sedenti f'Göteborg, li Tiddeċiedi Fil-Qasam tal-Immigrazzjoni, l-Isvezja), li hija l-qorti tar-rinviju.

13 Dik il-qorti tistaqsi jekk il-Paragrafu 6 tal-Kapitolu 8 tal-Liġi (2005:716) dwar il-Barranin, li jimplimenta l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 fl-ordinament ġuridiku Svediż, huwiex kompatibbli ma' din id-direttiva.

14 Ċertament, dan l-ewwel subparagrafu tal-Paragrafu 6 jipprovdi, konformement mal-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva, li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jippermettu lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu dritt ta' residenza fi Stat Membru jirritorna fuq inizjattiva tiegħu stess lejn dan tal-aħħar, qabel ma jagħtu deċiżjoni dwar ir-ritorn eventwali tiegħu. Madankollu, il-punt 5 tat-tieni subparagrafu tal-imsemmi Paragrafu 6 a jipprevedi eċċezzjoni li ma hijiex prevista fl-Artikolu 6(2) tal-imsemmija direttiva, sa fejn, meta jkun hemm probabbiltà li dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma jirritornax lejn dan l-Istat Membru, deċiżjoni ta' ritorn tista' tiġi adottata fil-konfront tiegħu mingħajr ma dawn l-awtoritajiet ikunu l-ewwel ippermettewlu jirritorna lejn l-imsemmi Stat Membru.

15 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Förvaltningsrätten i Göteborg, migrationsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva sedenti f'Göteborg, li Tiddeċiedi Fil-Qasam tal-Immigrazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) X'inhi t-tifsira tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva [2008/115]? Ifisser li ċittadin ta' pajjiż terz għandu jintalab jirritorna immedjatament mill-Istat Membru li fih huwa jkun qiegħed joqgħod illegalment lejn l-Istat Membru li fih huwa għandu permess ta' residenza validu, sakemm it-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ma huwiex meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali?

2) Id-Direttiva [2008/115], jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni, tipprovdi gwida dwar il-konsegwenzi li jirriżultaw mill-fatt li awtorità nazzjonali ma tkunx ressqet it-talba meħtieġa skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva [2008/115]? In-nuqqas ta' tressiq tat-talba meħtieġa jfisser li d-deċiżjoni tat-tneħħija u d-deċiżjoni li tipprojbixxi ritorn ma humiex validi?

3) Jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva [2008/115] jimponi tali talba u tali konsegwenza, huwa suffiċjentement ċar u preċiż sabiex ikollu effett dirett?

4) Leġiżlazzjoni nazzjonali, bħar-regola Svediża misjuba fil-paragrafu 6a tal-Kapitolu 8 tal-Liġi [(2005:716)] dwar il-Barranin, li toħloq eżenzjonijiet addizzjonali għall-obbligu possibbli li titressaq [talba], hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni?"

Fuq id-domandi preliminari

16 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta r-risposta għal domanda preliminari tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew meta r-risposta għal tali domanda ma tkun tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat.

17 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata f'din il-kawża.

Fuq l-ewwel u r-raba' domanda

18 Permezz tal-ewwel u tar-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien u fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma meħtieġa jippermettu lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li jkollu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ieħor jirritorna lejn dan l-Istat Membru l-ieħor qabel ma jadottaw, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, anki jekk dawn l-awtoritajiet ikunu jqisu li hemm probabbiltà li dan iċ-ċittadin ma jikkonformax ruħu ma' tali talba sabiex jirritorna lejn dan l-Istat Membru l-ieħor.

19 Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fit-territorju ta' Stat Membru u li jkunu detenturi ta' permess ta' residenza validu jew ta' awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ieħor għandhom ikunu meħtieġa jirritornaw immedjatament lejn it-territorju ta' dan l-Istat Membru l-ieħor. Fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza ta' dan l-obbligu miċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz jew meta t-tluq immedjat taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, l-Artikolu 6(1) għandu japplika. Din l-aħħar dispożizzjoni tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tagħhom.

20 Mill-imsemmi Artikolu 6(2) jirriżulta li hemm lok li ċittadin ta' pajjiż terz, li jirrisjedi irregolarment fit-territorju ta' Stat Membru filwaqt li jkollu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ieħor, jitħalla jirritorna lejn dan l-aħħar Stat pjuttost milli tiġi adottata, mill-bidu nett, deċiżjoni ta' ritorn

fil-konfront tiegħu, sakemm l-ordni pubbliku jew is-sigurtà nazzjonali ma jkunux jeżiġu dan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Frar 2021, M *et* (Trasferiment lejn Stat Membru), C-673/19, EU:C:2021:127, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Madankollu, din id-dispożizzjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tistabbilixxi eċċezzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, li tkun tiżdied ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 2(2) ta' din tal-aħħar u li tkun tippermetti lill-Istati Membri jeskludu mill-istandards u mill-proċeduri komuni ta' ritorn liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment meta dawn jirrifjutaw li jirritornaw immedjatament lejn it-territorju tal-Istat Membru li jirrikonoxxilhom dritt ta' residenza (sentenza tal-24 ta' Frar 2021, M *et* (Trasferiment lejn Stat Membru), C-673/19, EU:C:2021:127, punt 36).

22 Għall-kuntrarju, fil-każ li dawn iċ-ċittadini jirrifjutaw li jirritornaw immedjatament lejn dan it-territorju, l-Istati Membri li fit-territorju tagħhom l-imsemmija ċittadini jirrisjedu irregolarment huma, bħala prinċipju, meħtieġa li jadottaw, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115, moqri flimkien mal-Artikolu 6(1), deċiżjoni ta' ritorn li tordna lill-imsemmija ċittadini jitilqu mit-territorju tal-Unjoni (sentenza tal-24 ta' Frar 2021, M *et* (Trasferiment lejn Stat Membru), C-673/19, EU:C:2021:127, punt 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

23 Barra minn hekk, hekk kif jirriżulta kemm mit-titolu kif ukoll mill-formulazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2008/115, din tistabbilixxi "standards u proċeduri komuni" li għandhom jiġu applikati minn kull Stat Membru għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment. Mill-espressjoni msemmija iktar 'il fuq, iżda wkoll mis-sens ġenerali ta' din id-direttiva, jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dawn l-istandards u minn dawn il-proċeduri biss fil-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmija direttiva, b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' din tal-aħħar (sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 32).

24 Dan l-Artikolu 4 jagħti, fil-paragrafu 3 tiegħu, il-possibbiltà lill-Istati Membri li jadottaw jew li jżommu dispożizzjonijiet iktar favorevoli għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment minn dawk tad-Direttiva 2008/115, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ikunu kompatibbli magħha. Madankollu, din id-direttiva ma tippermettix lill-imsemmija Stati Membri japplikaw standards iktar severi fil-qasam irregolat minnha (sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 33).

25 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li d-Direttiva 2008/115 tistabbilixxi bi preċiżjoni l-proċedura li għandha tiġi applikata minn kull Stat Membru għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fit-territorju tagħhom u tistabbilixxi l-ordni tal-iżvolġiment tad-diversi stadji li din il-proċedura tinvolvi suċċessivament (sentenza tat-28 ta' April 2011, El Dridi, C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 34).

26 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, għandu jiġi kkonstatat li interpretazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 fis-sens li din id-dispożizzjoni tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jadottaw deċiżjoni ta' ritorn meta jkun hemm "probabbiltà" li ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ma jikkonformax ruħu ma' talba sabiex jirritorna immedjatament lejn it-territorju tal-Istat Membru li jkun ħariġlu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza tkun twassal sabiex tiġi stabbilita deroga li ma hijiex prevista f'dan l-Artikolu 6(2) u għalhekk tkun iċċaħħad lil din id-dispożizzjoni mill-effett utli tagħha.

27 Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, ir-risposta għall-ewwel u għar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma meħtieġa jippermettu lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li jkollu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ieħor jirritorna lejn dan l-Istat Membru l-ieħor qabel ma jadottaw, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, anki jekk dawn l-awtoritajiet ikunu jqisu li hemm probabbiltà li dan iċ-ċittadin ma jikkonformax ruħu ma' talba sabiex jirritorna lejn dan l-Istat Membru l-ieħor.

Fuq it-tielet domanda

28 Permezz tat-tielet domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li, sa fejn dan jeżiġi li l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fit-territorju tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru li jkun ħarġilhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma jadottaw, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tagħhom, dan għandu effett dirett u jista' għalhekk jiġi invokat mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali.

29 Mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-każijiet kollha fejn id-dispożizzjonijiet ta' direttiva jidhru, mill-perspettiva tal-kontenut tagħhom, inkundizzjonati u suffiċjentement preċiżi, l-individwi jistgħu jinvokawhom quddiem il-qrati nazzjonali kontra l-Istat Membru kkonċernat jew meta dan ikun naqas milli jittrasponi fit-termini previsti din id-direttiva fid-dritt nazzjonali jew meta dan ikun ittrasponiha b'mod inkorrett (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, minn naħa, hija inkundizzjonata meta din tistabbilixxi obbligu li ma jkun ikkwalifikat b'ebda kundizzjoni u lanqas ma jkun suġġett, fl-eżekuzzjoni tiegħu jew fl-effetti tiegħu, għall-intervent ta' ebda att kemm tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri u, min-naħa l-oħra, hija suffiċjentement preċiża sabiex tiġi invokata minn parti fil-kawża u applikata mill-qorti meta din tistabbilixxi obbligu f'termini inekwivokabbli (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk direttiva tħalli lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta huma jadottaw il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tagħha, dispożizzjoni ta' din id-direttiva tista' titqies bħala li għandha natura inkundizzjonata u preċiża meta din timponi fuq l-Istati Membri, f'termini inekwivokabbli, obbligu ta' riżultat preċiż u li ma jkun ikkwalifikat b'ebda kundizzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tar-regola li din tistabbilixxi (sentenza tal-1 ta' Awwissu 2022, TL (Assenza ta' interpretu u ta' traduzzjoni), C-242/22 PPU, EU:C:2022:611, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 F'dan il-każ, hekk kif ġie indikat fil-punt 25 ta' dan id-digriet, id-Direttiva 2008/115 tistabbilixxi bi preċiżjoni l-proċedura li għandha tiġi applikata minn kull Stat Membru għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment u tistabbilixxi l-ordni tal-iżvolġiment tad-diversi stadji li din il-proċedura tinvolvi suċċessivament.

33 F'dan ir-rigward, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li huwa biss meta ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz ma josservax l-obbligu li jirritorna immedjatament lejn it-territorju tal-Istat Membru li jkun ħariġlu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza jew meta t-tluq immedjat tiegħu jkun meħtieġ għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali li l-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu dan iċ-ċittadin ikun qiegħed jirrisjedi irregolarment, jieħu deċiżjoni ta' ritorn, konformement mal-Artikolu 6(1).

34 Għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-obbligu, għall-Istati Membri, li jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fit-territorju tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru li jkun ħarġilhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza huwa ta' natura inkundizzjonata, peress li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 ma jissuġġettax dan l-obbligu għall-adozzjoni ta' att tal-Unjoni u lanqas ma jippermetti lill-Istati Membri jissuġġettaw għal kundizzjoni jew jirrestriġu l-portata tal-imsemmi obbligu.

35 Min-naħa l-oħra, għalkemm id-Direttiva 2008/115 tħalli lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni meta huma jadottaw il-modalitajiet prattiċi intiżi li jimplimentaw il-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva, din id-dispożizzjoni timponi fuqhom, f'termini inekwivokabbli, l-obbligu li jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiż terzi li jirrisjedu irregolarment fit-territorju tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru li jkun ħarġilhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma tiġi adottata deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tagħhom.

36 Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sa fejn dan jeżiġi li l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fit-territorju tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru li jkun ħarġilhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma jadottaw, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tagħhom, dan għandu effett dirett u jista' għalhekk jiġi invokat mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali.

Fuq it-tieni domanda

37 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi eżaminata fl-aħħar lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 għandux jiġi interpretat fis-sens li meta, f'kontradizzjoni ma' din id-dispożizzjoni, Stat Membru ma jippermettix lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tiegħu jirritorna immedjatament lejn l-Istat Membru li jkun ħariġlu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma jadotta deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, din id-deċiżjoni ta' ritorn u l-projbizzjoni ta' dħul li takkumpanja l-imsemmija deċiżjoni ta' ritorn huma nulli.

38 Skont il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, fejn ikun impossibbli għaliha li tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, kull qorti nazzjonali, adita fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, għandha, bħala korp ta' Stat Membru, l-obbligu li ma tapplikax kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra dispożizzjoni ta' dan id-dritt li jkollha effett dirett fit-tilwima adita biha, bħal, f'dan il-każ, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2022, Landkreis Gifhorn, C-519/20, EU:C:2022:178, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

39 Minn dan isegwi li, sakemm ma tkunx tista' tinterpreta leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni, kull qorti nazzjonali, adita fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni tagħha, għandha tirrifjuta li tapplika tali leġiżlazzjoni fit-tilwima adita biha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Marzu 2022, Landkreis Gifhorn, C-519/20, EU:C:2022:178, punt 102).

40 F'dan ir-rigward, il-qorti nazzjonali għandha b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni li dan il-fatt jimplika, jekk ikun il-każ, l-obbligu li jittieħdu l-miżuri kollha sabiex jiġi ffaċilitat t-twettiq tal-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Seydaland Vereinigte Agrarbetriebe, C-239/09, EU:C:2010:778, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Fil-fatt, taħt il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, l-Istati Membri huma meħtieġa jeliminaw il-konsegwenzi illegali ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni (sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, A *et* (Eoliċi f'Aalter u f'Nevele), C-24/19, EU:C:2020:503, punt 83). Minn dan jirriżulta li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-qrati nazzjonali aditi b'rikors kontra att tad-dritt nazzjonali adottat bi ksur tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115, huma meħtieġa, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jirrimedjaw għan-nuqqas ta' osservanza, minn awtorità nazzjonali, tal-obbligi li jirriżultaw minn din l-aħħar dispożizzjoni. Dan jista', pereżempju, iwassal, taħt id-dritt nazzjonali, għan-nullità ta' deċiżjoni ta' ritorn u, għaldaqstant, ukoll ta' deċiżjoni li takkumpanja tali deċiżjoni, bħal projbizzjoni ta' dħul taħt l-Artikolu 11 ta' din id-direttiva.

42 Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li meta, f'kontradizzjoni ma' din id-dispożizzjoni, Stat Membru ma jippermettix lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tiegħu jirritorna immedjatament lejn l-Istat Membru li jkun ħariġlu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma jadotta deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-qrati nazzjonali aditi b'rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ritorn u l-projbizzjoni ta' dħul li takkumpanja tali deċiżjoni, huma meħtieġa jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jirrimedjaw għan-nuqqas ta' osservanza, minn awtorità nazzjonali, tal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija dispożizzjoni.

Fuq l-ispejjeż

43 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment,**

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru huma meħtieġa jippermettu lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li jkollu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza maħruġa minn Stat Membru ieħor jirritorna lejn dan l-Istat Membru l-ieħor qabel ma jadottaw, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, anki jekk dawn

l-awtoritajiet ikunu jqisu li hemm probabbiltà li dan iċ-ċittadin ma jikkonformax ruħu ma' talba sabiex jirritorna lejn dan l-Istat Membru l-ieħor.

2) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

sa fejn dan jeżiġi li l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fit-territorju tagħhom jirritornaw lejn l-Istat Membru li jkun ħarġilhom permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma jadottaw, jekk ikun il-każ, deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tagħhom, dan għandu effett dirett u jista' għalhekk jiġi invokat mill-individwi quddiem il-qrati nazzjonali.

3) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2008/115,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

meta, f'kontradizzjoni ma' din id-dispożizzjoni, Stat Membru ma jippermettix lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tiegħu jirritorna immedjatament lejn l-Istat Membru li jkun ħariġlu permess ta' residenza validu jew awtorizzazzjoni oħra li tagħti dritt ta' residenza qabel ma jadotta deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront tiegħu, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inklużi l-qrati nazzjonali aditi b'rikors kontra din id-deċiżjoni ta' ritorn u l-projbizzjoni ta' dħul li takkumpanja tali deċiżjoni, huma meħtieġa jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jirrimedjaw għan-nuqqas ta' osservanza, minn awtorità nazzjonali, tal-obbligi li jirriżultaw mill-imsemmija dispożizzjoni.

Firem